## NIDĦLU MILL-BIEB ID-DEJJAQ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is 66, 18-21**

Dan igħid il-Mulej: Għad niġi niġbor il-ġnus kollha u l-popli ta' kull ilsien: dawn jiġu u jaraw is-sebħ tiegħi. Jiena ngħolli għalihom sinjal, u nibgħat 'il xi whud mill-fdal ta' Israel għand il-ġnus f'Tarsis, Put, Lud u Mesek, Ros, Tubal u Ġavan, u lejn ix-xtut imbiegħda li qatt ma semgħu bija u qatt ma raw is-sebħ tiegħi. Huma jxandru s-sebħ tiegħi qalb il-ġnus. U jġibu 'l ħutkom kollha minn kull ġens, bħala offerta lill-Mulej, iġibuhom fuq żwiemel u karrijiet, fuq suġġetti u bgħula u iġmla, għal fuq il-muntanja qaddisa tiegħi, f'Ġerusalemm, igħid il-Mulej, bħalma ulied Israel iġibu l-offerti tagħhom f'ġarar indaf fit-Tempju tal-Mulej. U lil xi uħud minnhom neħduhom b'qassisin u leviti, igħid il-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 116**
**Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba**

Faħħru lil Mulej, ġnus kollha,
sebbħuh, popli kollha.

**R/. Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba.**

Għaliex qawwija hi l-grazzja tiegħu għalina,
il-fedelta' tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

**R/. Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra lil-Lhud**
**Lhud12, 5-7, 11-13**

Ħuti: Intom insejtuha għal kollox il-kelma ta' twissija li, bħal ulied, hekk tkellimkom: "Ibni, la twarrabx it-twiddib tal-Mulej, u la taqtax qalbek meta jċanfrek: għax il-Mulej iwiddeb 'il min Iħobb, jolqot il kull min jilqa' b'ibnu.''
Hu għat-twiddib tagħkom li intom qegħdin tbatu. Alla qiegħed jimxi magħkom ta' wlied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux? Tassew li kull twiddiba għalissa tidhrilkom bħala ħaġa mhux ta' ferħ, anzi ta' niket; iżda mbagħad, lil dawk li jkunu tħarrġu biha, hija troddilhom frott ta' ħajja tajba, mimlija bis-sliem. Mela saħħu l-idejn merħija u l-irkobbtejn mitluqa tagħkom; u imxu sewwa, bla ma tgħawġu t-triq, biex min hu zopp ma jaqlax 'il barra, imma jerġa' jieħu saħħtu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Ħajjarli qalbi, o Alla, għat-twissijiet tiegħek,
il-liġi tiegħek fi tjubitek agħtini.
**Hallelujah.**

✠**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 13, 22-30**

F'dak iż-żmien: Huwa u sejjer lejn Ġerusalem, Ġesu' għadda jgħallem f'xi bliet u rħula. U kien hemm wieħed qallu: "Mulej, jaqaw ftit huma dawk li jsalvaw?''
Iżda hu weġibhom: "Tħabtu biex tidħlu mill-bieb id-dejjaq, għax kif ngħidilkom jien, ħafna għad ifittxu li jidħlu u ma jirnexxilhomx. Għax meta sid id-dar ikun qam jagħlaq il-bieb, intom tibqgħu barra, u tibdew tħabbtu l-bieb u tgħidu, 'Mulej, iftħilna' Iżda hu jweġibkom u jgħid, 'Ma nafx mnejn intom.' Imbagħad taqbdu tgħidulu, 'Kilna u xrobna quddiemek aħna, u int għallimt fil-pjazez tagħna.' Hu jwieġeb u jgħidilkom, 'Ma nafx mnejn intom; morru minn quddiemi, intom ilkoll li tagħmlu dak li mhux sewwa!' Hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien, meta taraw lil Abraham u lil Iżakk u lil Ġakob u l-profeti kollha tas-Saltna ta' Alla, u intom imkeċċija 'l barra. U jiġu nies mil-lvant u l-punent, mit-tramuntana u n-nofsinhar, u jitqiegħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla. U araw, hawn min hu ta' l-aħħar u għad ikun l-ewwel, u hawn min hu ta' l-ewwel u għad ikun l-aħħar.'

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**